**Foreword, Assocjazzjoni San Publiju, 2017**

**Diġa għaddew ħames snin, minn meta l-Assoċjazzjoni San Publiju ta' Malta ġiet imwaqqfa, u għal darb'oħra għandi l-pjaċir li nwassal messaġġ ta' ħbiberija u awgurju lill-membri kollha ta' l-assoċjazzjoni, lill-familji tagħhom, u lill-kommunita' Furjaniża.**

**Id-dedikazzjoni tagħkom lejn San Publiju hija riflessjoni tad-dedikazzjoni tagħkom lejn l-għeruq tal-Kristjaneżmu fil-gżejjer Maltin. San Publiju huwa parti ntegrali mill-istorja ta' pajjiżna, u l-ħajja tiegħu tippreżentalna riflessjoni tal-kultura bikrija tagħna.**

**Iżda fuq kollox, San Publiju jffakkarna fir-rabta mal-valuri illi jagħmluna dak li aħna. Valuri ta' tama, ta' paċi, u l-aktar, ta' mħabba, li għandhom dejjem ikunu l-valuri bażiċi li jgħaqqduna, u li jmexxuna bħala poplu wieħed ta' rieda tajba.**

**Jien konvinta li din l-Assoċjazzjoni se tkompli tikkonserva u tkattar il-patrimonju ta' Malta b'mod innovattiv u mifrux. Dan għandu jkun mgħejjun mill-fatt li l-Assoċjazzjoni ddeċidiet li tirreġistra ruħha bħala għaqda mhux governattiva, fatt li juri kemm l-Assoċjazzjoni hija lesta li tkun ta' ġid u ta' servizz, kemm għall-kommunita' Furjaniża kif ukoll għas-soċjeta' Maltija kollha.**

**Nieħu din l-oppurtunita' wkoll biex nirrangrazzjakhom, għan-nom tal-poplu Malti kollu, għall-impenn u r-rieda tagħkom li tersqu lejn il-parroċċi lil'hinn minn dik tal-Furjana, u li taħdmu flimkien ma' kommunitajiet oħra.**

**Inħeġġeġ lill-Assoċjazzjoni biex tkun ta' eżempju tar-rispett u tas-solidarjeta, għat-tfal tagħna u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Għaliex l-akbar teżori tal-patrimonju li ħalla San Publiju huma bla dubju l-valuri tar-rispett u tas-solidarjeta'.**

**J'Alla dan il-proċess ta' disseminazzjoni jkun opportunita' ta' tkabbir tas-sensibilita' lejn il-bżonnijiet ta' haddieħor, u ta' solidarjeta' mal-kommunitajiet diversi tas-soċjeta' Maltija.**

**Ejjew nitgħallmu mill-konversżoni ta' San Publiju. Skont l-iskrittura u t-tradizzjoni, huwa mexxa lill-Maltin biex isiru wieħed mill-ewwel nazzjonijiet Kristjani fl-Ewropa.**

**Hija t-tama tiegħi li jkun hemm l-istess konverżjoni qawwija fl-imħuħ u l-qlub tal-Maltin kollha, b'risq ir-rispett u s-solidarjeta', lejn l-umanita', mingħajr distinzjoni ta' lokalita', reliġjon, jew etniċita' biex b'hekk ilkoll nistgħu ngħixu fil-paċi.**

**San Publiju jirrappreżenta għalina l-valuri ta' dinjita', ta' solidarjeta', u ta' paċi. Dan hu l-veru legat tiegħu, għall-Furjaniżi u l-Maltin kollha.**